MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 7/2008

**Anthony Muscat.**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 10 ta’ Ottubru 2008 a fol. 2 tal-process fejn esponew:-

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

1. Fit-23 ta' Novembru 2007, l-Awtorita` rrifjutat il-hrug tal-permess ghall-applikazzjoni 2478/07 - *to sanction facade, consisting of changing the design of the main door at*

*ground floor level and the balcony at first floor level* - fuq is-sit 295, Triq San Giljan, B'kara.

2. Illi minn din id-decizjoni tal-Awtorita` sar appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

3. Illi b'decizjoni datata 26 ta' Settembru 2008, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell tal-appellanti odjern billi filwaqt illi astjena milli jippronunzja ruhu dwar il-mertu, laqa' l-eccezzjoni ta' res judicata sollevata mill-Awtorita' u kkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` tat-23 ta' Novembru 2007.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u minnha qieghed jitlob appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell *a tenur* tal-**artikolu 15 tal-Att I tal-1992** dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.

Illi *stante* illi l-Bord iddecieda billi laqa' l-eccezzjoni ta' res judicata, ghalhekk dan huwa l-punt ta' ligi li jaghti kompetenza lil din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

**L-EWWEL AGGRAVJU**.

Illi l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar quddiem il-Bord tal-Appell kienet:

*"Illi preliminarjament l-istess appellant diga` ittenta applikazzjoni simili (enfasi mizjud mill-appllant odjern) biex jissanzjona l-izvilupp illegali kif mibni fl-applikazzjoni 4146/04, liema applikazzjoni kienet giet rifjutata u liema rifjut kien ukoll ikkonfermat minn dan il-Bord fis-7 ta' Marzu 2007 (PAB 378/05ISB fl-ismijiet* ***Anthony Muscat vs. MEPA****).*

*Illi din l-applikazzjoni regghet dahlet biss xahar wara tali decizjoni u cjoe` fil-11 ta' April 2007 ghall-istess haga u kif diga` deciz minn dan il-Bord u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell f'kazijiet simili, jezisti ghaldaqstant l-eccezzjoni tar-*

*res gudikata, kif ser jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-appell u ghaldaqstant ghandha tigi rifjutata din l-applikazzjoni fuq l-istess principju."*

Illi l-esponent jissottometti illi l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell, filwaqt illi titratta dwar l-istess fond, madankollu hija differenti u **certament mhux identika** ghall-applikazzjoni citata mill-Awtorita` fl-eccezzjoni taghha. Difatti, l-istess Awtorita` tammetti li l-applikazzjoni hija biss simili.

Illi huwa ritenut mill-gurisprudenza taghna, u wkoll minn diversi awturi, illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata*, irid ikun hemm is-segwenti tliet rekwiziti: *eadem res* - l-istess oggett, *eadem causa petendi* - l-istess mertu u *eadem personae* - l-istess partijiet, liema tliet elementi jridu jikkonkorru ghax fin-nuqqas ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess.

Ghaldaqstant sabiex l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg illi l-oggett tal-kawza jkun identiku ghal dak tal-ewwel decizjoni. *"Even if the object of the new demand is similar to that of a previous judgement, this similarity is no obstacle to the new demand because the effects of the judgement constituting res judicata are limited to what has been actually submitted by the parties and decided by the Court."* (Vassallo Audrey, *Res Judicata Its Scope, Nature and the Requisites of the Corresponding Plea, LL.D Thesis, June 1997*.)

Fis-sentenza tieghu tat-30 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"**, il-Bord kien cahad l-eccezzjoni tar-*res judicata* bil-motivazzjoni generika illi gjaladarba l-*policies* jinbidlu sena wara l-ohra ma hemm xejn x'jipprekludi lill-applikant milli jaghmel l-applikazzjoni tieghu kif u meta jrid, u ghalhekk wiehed ikun inkorrett jghid li l-appell huwa a priori null billi jitrattata dwar *res judicata*. **L-istess Bord irrikonoxxa illi sabiex ikun hemm ir-*res judicata* l-Bord jifhem li jrid ikun hemm kollox l-istess sija mil-lat ta' applikant sija mil-lat ta' applikazzjoni u sija mil-lat ta' *policies* applikabbli;**

Kwistjonijiet koncernanti zvilupp ta' proprjeta` huma kostantement suggetti ghar-revizjoni u aggornament. Dan kemm ghar-raguni ta' tibdil tal-istess zvilupp mahsub kemm ghal-revizjoni ta' *policies* u skemi.

L-esponenti jirreferi ghal dak deciz minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta, fl-appell fl-ismjiet **Joseph Difesa vs l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciz fis-6 ta' April 2005 fejn gie ritenut:

*"In meritu ghall-kuncett tal-gudikat gie deciz illi, "kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza. Li tbieghed il-possibbilta` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat"* - "**Carmelo D'Amato et vs Carmelo Camilleri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Mhallef J. R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002.

Dan s'intendi huwa l-principju. B'danakollu biex ir-*res judicata* tigi eccepita b'success jehtieg li c-cirkostanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. Ara "**Angelo Bartolo vs Concetta Lautier**", Appell, 29 ta' April 1966.

Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. Ara "**Peter Paul Muscat vs Giuseppe Muscat**", Appell, 30 ta' Gunju 1969.

Skont gurisprudenza pacifika dan hu maggorment hekk f'kawzi ta' separazzjoni jekk ikunu vverifikaw ruhhom fatti posterjuri jew sopravvenuti ghas-separazzjoni (**Ara Kollez. Vol. XXIX P II p 603; Vol. XXXVI P II p470)**, kawzi ta' alimenti **(Vol. XXXVIII P II p 533; Vol. XLVIII P II p 1191)**, u kawzi dwar lokazzjonijiet **(Vol. XLV P I p 24; Vol. XLII P I p 91);**

L-istess principju indubbjament kapaci jigi prattikat u estiz ghall-kwestjonijiet ta' talbiet ghall-izvilupp."

Gie ritenut ukoll fil-kawza Giuseppa mart Leonardo Mizzi et vs Joseph Sacco, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 1996" (3 Vol. XXIX pI pagna1155) illi:-

*"hu minn dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt li jermergu l-elementi tal-identita` tal-oggett fiz-zewg kawzi (applikazzjonijiet) u li jrid jigi strettament sodisfatt biex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-res judicata. Dan sal-punt li f' kaz ta' dubju d-decizjoni tal-Qorti (l-Bord) ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-gudikat ghax altrimenti jigi ndebitament pregudikat l-attur (l-applikant) in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti giudizzjarjament. (enfasi mizjud mill-appellant odjern) L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni."*

Ghal dawn il-motivi, l-appellant filwaqt li jaghmel referenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngiebu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u jirrizerva li jgib dokumenti u xhieda u li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jitlob umilment illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-26 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **Anthony Muscat vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-Bord tal-Appell halli jigi deciz il-mertu skont il-ligi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Awtorita`.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 30 ta' Ottubru 2008 a fol. 7 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Anthony Muscat vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Frar 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-appellanti. Dr. Zammit Stafrace nfurmat lill-Qorti li

pprezentat risposta dalghodu u tat kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-Qorti thoss li ghandha tigi esebita l-applikazzjoni 4146/04 u 2478/07 li kienet giet rifjutata b' sentenza tal-Bord fis-7 ta' Marzu 2007 (PAB 378/05 ISB). Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 5 ta' Frar 2009 a fol 11 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar tas-26 ta' Settembru 2008 (PAB 326/2007 ISB) hija gusta u timmerita konferma.

2. Illi huwa *ormai* punt pacifiku illi din l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata li tikkunsidra biss punti ta' Ligi imqajma u decizi mill-istess Bord tal-Appelli, u mhux sabiex tbiddel il-gudizzju taghha ma' dik tal-istess Bord fuq l-evalwazzjoni tal-fatti fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' punt ta' Ligi.

3. Illi f'dan il-kaz, il-Bord tal-Appelli, a bazi tad-decizjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, applika l-principju tar-*res judicata* ghall-appell interpost quddiemu.

4. Illi l-Appell interpost mill-appellant quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa bbazat fuq il-fatt illi, fi kliem l-istess appellant, l-istess Bord kellu jichad din l-eccezzjoni *stante* illi l-applikazzjoni li kienet qieghda tigi kkunsidrata mill-Bord tal-Appelli kienet simili izda mhux identika ghall-applikazzjoni precedenti.

5. Illi jinghad bir-rispett kollu, illi l-evalwazzjoni fattwali tal-provi mressqa quddiem il-Bord tal-Appelli hija esklussivament fdata f'idejn il-Bord tal-Appelli, u certament illi m'hemmx lok ta' xi forma ta' stharrig vestit f'din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi din l-Onorabbli Qorti diga` kellha l-okkazzjoni li titratta punt identiku ghal dan fl-appell fl-ismijiet **Difesa vs Awtorita`** (Rikors 12/2003) deciz 26 ta' Mejju 2004 kif ukoll minn din l-istess Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet

konsegwentement fi procedura ta' ritrattazzjoni (Rikors 12/2003/1 deciz 6 ta' April 2005), fejn din l-Onorabbli Qorti ikkonfermat illi l-principju legali tar-*res judicata* huwa applikabbli f'decizjonijiet li jikkoncernaw l-Ippjanar tal-Izvilupp, izda sta ghall-istess Bord sabiex jikkunsidra jekk il-fatti mressqa quddiemu jinkwadrawx ruhhom fid-dettami tal-principju legali tar-*res judicata* u dan *stante* illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex il-gurisdizzjoni sabiex tevalwa l-apprezzament tal-provi mressqa quddiem il-Bord tal-Appelli.

7. Illi *a skans* ta' ripetizzjonijiet inutili ssir referenza ghal dawn iz-zewg decizjonijiet fuq imsemmija, u senjatament ghal pagni 8 sa 11 tal-ewwel decizjoni u paragrafu 3 tat-tieni decizjoni.

Illi ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell interpost mill-appellant Anthony Muscat, u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar tas-26 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' Frar 2009 a fol. 13 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Anthony Muscat vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat in-nota tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Frar 2009 a fol. 14 tal-process li biha esebiet *animo ritirandi* l-*files* li ghalihom saret referenza fis-seduta tal-4 ta' Frar 2009, u cioe` PA 4146/04 u PA 2478/07.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' April 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2009.

Rat il-processi u l-*files* tal-Awtorita' kollha esebiti.

Rat is-sentenzi citati u esebiti tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa kaz fejn l-appellant kien applika sabiex jissanzjona bini li sar fil-fond 295, St. Julians Road, B'kara (PA 4146/04) u dan peress li l-izvilupp li kien sar kien differenti minn dak li kien kopert taht permess tal-izvilupp Numru PA 6729/02 mahrug fit-3 ta' April 2003 u jirrizulta li tali applikazzjoni giet rifjutata anke b'decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 7 ta' Marzu 2007 fejn bazikament inghad li peress li jirrizulta li l-faccata twaqqghet u nbniet mill-gdid (meta dan ma kellux isir) b'hekk intilef il-kontribut posittiv li tali faccata kienet taghti ghall-kuntest arkitettoniku tal-post partikolarment bl-introduzzjoni ta' elementi ta' stil u proporzjonijiet mhux adattati ghal din iz-zona. Dawn kienu jinkludu l-gallerija u l-bieb tal-*garage* kif gie nnutat mill-Heritage Advisory Committee. Dan kien qal li l-garaxx propost huwa kbir wisq u l-gallerija fuq il-faccata mhux sanzjonabbli.

Illi jirrizzulta li l-appellant dahhal applikazzjoni ohra datata 10 ta' April 2007 (P.A. 2487/07) fejn ghamel talba sabiex jissanzjona l-bdil li sar fil-faccata konsistenti fi bdil fid-disinn tal-bieb *"ground floor level"* u l-gallerija *"at first floor level".* Jirrizulta li mir-rapport tad-Diretterat li l-istess applikazzjoni giet ikkunsidrata bhala tal-istess natura ta' l-applikazzjoni li kienet gja rifjutata u jidher li baqghu jippersistu l-istess oggezzjonijiet ghall-bini intier kif gie propost, u t-tibdiliet suggeriti fil-bieb u l-gallerija ma kienu jbiddlu xejn minn kif l-izvilupp gie propost fl-ewwel applikazzjoni, u fil-fatt saret ampja riferenza ghall-ewwel decizjoni tal-organi ta' l-Awtorita' u tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fuq l-istess progett (ara rapport datat 22 ta' Mejju 2007). Fuq din il-bazi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu datata 26 ta' Settembru 2008 sostna li bazikament ma kienx hemm essenzjalment l-

ebda differenza bejn l-applikazzjoni PA 4146/04 u dik PA 2478/07, b'dan li l-impatt huwa l-istess preciz ghal dak sottomess fil-proposta PA 4146/04 u *"t-tibdil minimu maghmul fid-disinn ma jikkostitwix kambjament tali li jwassal lil dan il-Bord sabiex jirrigetta l-eccezzjoni tar-res gudikata".*

Illi minn din id-decizjoni sar appell li bazikament jghid li peress li l-applikazzjonijiet ma kienux simili u allura mhux identiku ghal dak li kien gie qabel propost mela allura l-eccezzjoni ta' *res judicata* mressqa mill-Awtorita' ma kellhiex tigi accettata u dan peress li allura l-oggett li gie deciz b'din l-ahhar decizjoni kien bazikament differenti minn dak li kien sottomess fl-ewwel applikazzjoni u deciz fl-ewwel decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u allura l-eccezzjoni ta' *res judicata* giet applikata hazin.

Illi l-Awtorita' appellata eccepiet mhux biss li l-kuncett ta' *res judicata* japplika wkoll ghall-kazijiet li jikkocernaw kazijiet ta' ppjannar u zvilupp, izda l-applikazzjoni tal-istess principju ghall-kaz in partikolari hija mbaghad kompetenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u dan skont is-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' April 2005).

Illi dwar il-principju ta' *res judicata* u l-applikazzjoni taghha f'dawn it-tip ta' proceduri din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Matthew Vella vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Marzu 2006), **"Joseph Cutajar vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Marzu 20-06 u **"Joseph Difesa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilipp" (**A.I.C. (RCP), 26 ta' Mejju 2004) fejn inghad li *"mill-gurisprudenza vigenti jirrizulta li l-kuncett ta' res judicata ma hijiex eskluza l-applikazzjoni tieghu f'kazijiet ta' zvilupp jekk jinkorru l-elementi ta' l-istess eccezzjoni, u cjoe' (1) "eadem res"; (2) eadem causa petendi"; u (3) "eadem personae", u jekk ic-cirkostanzi kollha inkluz il-policies applikabbli huma l-istess, iktar u iktar meta l-Bord ghandu funzjoni ta' tribunal kwazi gudizzjarju."*

Illi dan huwa soffermat mis-sentenza **"Victor Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996) u fid-decizjoni **"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. 9 ta' Frar 2001) u dik ta' **"Joseph Difesa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. 28 ta' Gunju 2002) fejn inghad ukoll li *"huwa risaput li meta decizjoni ta' Qorti jew ta' Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni tkun tikkostitwixxi "ligi" ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju hawn:- li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd minnhom jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista' tissolleva l-eccezzjoni ta' res judicata. Din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tliet elementi, cioe' "eadem personae", "eadem res", u eadem cautio petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali."*

Illi minn dan kollu jidher car li mill-istess gurisprudenza konstanti, nkluzi dawk fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I,C (RCP) – 26 ta' Mejju 2004), **"Joseph Cutajar vs l-Kummissjoni ghalll-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 30 ta' Marzu 2006) u **"Mathew Vella vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 30 ta' Marzu 2006), li ma hemm xejn x'jimpedixxi ghall-applikazzjoni tal-istess principju ghall-kazijiet quddiem l-istess Bord u wkoll quddiem din il-Qorti, ovvjament dawn mehuda fl-optika tal-ligijiet tal-ippjanar, li huma l-unika ligijiet li l-istess Bord ghandu kompetenza dwarhom, b'dan pero' li l-istess eccezzjoni hija ntiza sabiex tevita li applikant jerga' jittenta jipprezenta l-istess kaz medesimu quddiem l-istess organu li tah l-ewwel decizjoni. Fil-fatt inghad li *"if the original decision is intra vires then it is binding simply because it is a lawful decision given by the appropriate body. The term res judicata is of use to prevent frequent attempts to determine the same point."*

Illi ghalhekk dawk li huma principji ta' *res judicata* u l-applikazzjoni taghhom il-Qorti tirreferi wkoll ghas-

sentenza **"Rabat Costruction Company Limited vs Cutajar Construction Limited"** (P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002) u dik fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited" –** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Cit. Nru. 1247/99/RCP) u **"Helen sive Eileen Borg vs Bank of Valletta p.l.c."** (P.A. (JRM) 7 ta' Mejju 2001 – Vol. LXXXV.iii.(II).465) u **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et"** (P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003).

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' April 2005 fejn inghad li:-

*"....quddiem il-Bord kwistjonijiet koncernanti zvilupp ta' proprjeta' huma kostantament suggetti ghar-revizjoni u aggornament. Dan kemm ghar-raguni ta' tibdil ta' l-istess zvilupp mahsub kemm ghal revizjoni ta' policies u skemi. Tali ezercizzju u ndagini kellu pero` jigi kondott u approfondit mill-Bord biex dan jistabbilixxi jekk kienx tabilhaqq il-kaz u mhux jaddotta principji generici minghajr id-debitu kontroll u epurar tal-fatti"*

Illi meta l-istess Qorti tapplika l-istess principji ghall-kaz odjern thoss li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'din id-decizjoni applika l-principju ta' *res judicata* b'mod korrett u dan peress li t-tieni applikazzjoni sottomessa kienet bazikament u essenzjalment tal-istess natura ta' l-ewwel applikazzjoni li giet sottomessa u rifjutata u kien hemm biss tibdil zghir kosmetiku, kif konstatat mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, bhala punti ta' fatt, li effettivament ma kienu jbiddlu xejn mill-optika ta' konsiderazzjonijiet ta' ppjanar u l-izvilupp, li jaghmlu xi differenza ta' sostanza bejn l-istess zewg applikazzjonijiet, b'dan li jirrizulta li t-tidbil propost fil-bieb u fil-gallerija, ma kienu bl-ebda mod ser jeffetwaw il-bazi tad-decizjoni li kien gja ha l-istess Bord, u allura gie effettivament deciz li l-izvilupp propost fl-ewwel u t-tieni applikazzjoni kien u baqa' l-istess.

Illi fil-verita' din il-Qorti thoss li l-mod kif giet applikata l-eccezzjoni ta' *res judicata* mill-istess Bord ta' l-Appell

dwar l-Ippjanar kien legalment u gudizzjarjament korrett u ma hemm xejn li din il-Qorti tista' jew ghandha ticcensura fl-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Anzi jirrizulta minn pagna 2 u 3 tal-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li l-istess Bord ezamina sew il-ligi applikabbli ghall-kaz u applika sew l-istess ligi ghall-fatti quddiemu, fatti li jindikaw li l-applikazzjonijiet sottomessi kienu bazikament l-istess u t-tibdil kosmetiku maghmul kien wiehed tali li ma jbiddilx is-sostanza tal-applikazzjoni u n-natura ta' zvilupp. Fil-fatt minn ezami tal-istess processi quddiem il-Bord jirrizulta li l-izvilupp propost huwa bazikament l-istess u ghal dak li huma principji ta' ppjanar applikabbli dawn huma l-istess ghaz-zewg applikazzjonijiet, b'dan li t-tibdil li gie suggerit mill-applikant fit-tieni applikazzjoni huwa tali li ma jbiddel xejn min-natura sostanzjali ta' l-izvilupp propost u l-applikazzjoni ta' *policies* tal-istess. F'dan il-kuntest jinghad li strettament ladarba l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ikkonsidra l-eccezzjoni ta' *res judicata* fid-dawl tal-fatti quddiemu, u kemm ghal dawk li huma applikazzjoni ta' *policies* u skemi u applika l-istess ghall-fatti tal-kaz u sab li c-cirkostanzi rilevanti baqghu l-istess, din l-ahhar konsiderazzjoni hija wahda li tispetta lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (**"Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. – (PS) – 6 ta' April 2005) u allura dan l-appell qed jigi michud ghaliex huwa nfondat kif hawn deciz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' appellata datata 5 ta' Frar 2009 biss in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Anthony Muscat fir-rikors tal-appell tieghu datat 10 ta' Ottubru 2008,** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Anthony Muscat vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 26 ta' Settembru 2009.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-appellanti Anthony Muscat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------